



0051/2016

27.4.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-agrikoltura ta' konservazzjoni

**Nicola Caputo (S&D), Clara Eugenia Aguilera García (S&D),
Paolo De Castro (S&D), Daniel Buda (PPE), Marc Tarabella (S&D),
Dubravka Šuica (PPE), Tibor Szanyi (S&D), Doru-Claudian Frunzulică
(S&D), Ricardo Serrão Santos (S&D), Tomáš Zdechovský (PPE),
Fabio De Masi (GUE/NGL), Maria Grapini (S&D), Jonás Fernández
(S&D)**

Data ta' skadenza: 27.7.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar l-agrikoltura ta' konservazzjoni¹

1. L-agrikoltura qed tiffaċċa sfidi ambjentali u ta' produttività, bħalma huma l-protezzjoni tal-ħamrija, tnaqqis fl-użu tal-ilma għall-irrigazzjoni u l-aħjar użu possibbli ta' fertilizzanti u pestiċidi.
2. L-agrikoltura ta' konservazzjoni tista' twasslu għal żieda fil-fertilità u l-produttività tal-ħamrija, għal użu aktar effiċjenti tal-ilma u biex tittejjeb il-kapaċità ta' adattament u ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, kif ukoll għal tnaqqis sinifikanti fl-erożjoni, inqas emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u ammonja u l-aħjar użu ta' sustanzi agrokimiki.
3. billi l-firxa tal-agrikoltura ta' konservazzjoni hija limitata fl-UE minħabba l-appoġġ istituzzjonali inadegwat għall-minimizzar tar-riskji involuti fit-tranżizzjoni minn agrikoltura konvenzjonali, li tista' tinkludi tnaqqis temporanju fil-ħsad, u minħabba l-ispiża ta' magna taż-żriegħ no-till.
4. Il-Kummissjoni hija mistiedna tħejji bidliet fil-politika li jstimulaw l-adozzjoni mifruxa tal-agrikoltura ta' konservazzjoni għas-sostenibbiltà tal-ħamrija u l-intensifikazzjoni tal-produzzjoni u l-konservazzjoni tal-ilma, u biex tippromwovi taħriġ xieraq għall-bdiewa sabiex tiġi appoġġata l-adozzjoni wiesgħa tal-agrikoltura ta' konservazzjoni.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.